# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1765/93 B1 NA**

**Anthony Seguna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Seguna Woodworks Ltd.**

**vs**

**John Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Dicembru 1993 li biha l-attur nomine premetta:-

Illi l-konvenut ordna diversi ghamara u cioe' kamra tas-sodda u inlaid bureau, minghand is-socjeta' attrici;

Illi l-ghamara fiq imsemmija gew manufatturati u debitament

konsenjati, skond il-ftehim ii kien intlahaq bejn il-partijiet;

Illi ghall-bejgh u l-konsenja tal-ghamara in kwistjoni l-konvenut kellu jhallas ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) bhala pagament akkont, kif ukoll elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) meta l-affarijiet jigu kkonsenjati;

Illi l-pagament ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) fil-fatt sar, ghalhekk il-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500);

Illi ghalkemm interpellat kemm-il darba biex jersaq ghal hlas tal-ammont minnu dovut ghall-bejgh u l-konsenja tal-ghamara fuq imsemmija, il-konvenut baqa' ma hallasx.

Illi l-attur nomine talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. tikkundannah ihallas lill-atturi nomine l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ammont minnu dovut ghall-bejgh u konsenja tal-ghamara fuq imsemmija;

Bl-ispejjes u l-imghax mid-data tal-konsenja.

Illi l-konvenut eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta

bl-ispejjez stante ii hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi x-xoghol ta’ ghamara esegwit mill-attur nomine huwa difettuz u ma sarx skond l-arti u s-sengha;

2. Illi x-xoghol ta’ ghamara esegwit mis-socjeta’ attrici ma sarx mill-materjal miftiehem u kwindi mhuwiex tal-kwalita’ patwita’.

3. Salv Eccezzjonijiet Ulterjuri.

Illi l-konvenut ipprevalixxa ruhu mid-dritt ii jaghmel **kontro talba u** ppremetta illi:-

Illi l-konvenut kien inkariga lill-attur nomine sabiex jahdimlu xoghol ta’ ghamara senjatament kamra tas-sodda u inlaid bureau ghal prezz ta’ Lm1,850 li minnhom l-esponenti hallas lill-attur nomine d-depozitu ta’ tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350);

Illi l-attur nomine fil-fatt hadem u kkonsenja lill-konvenut l-ghamara ordnata;

Illi wara l-konsenja tal-ghamara in kwistjoni rrizulta li l-ghamara ma kienitx inhadmet mill-materjal miftiehem bejn il-partijiet u ghalhekk ma kienitx tal-kwalita' pattwita, kif ukoll li l-istess xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u kien tabilhaqq difettuz;

Illi ghalkemm il-konvenut immedjatament sejjah lill-attur nom ine sabiex jirtira l-ghamara minnu mahduma u jissostitwixxiha b'ohra tal-materjal miftiehem kif ukoll mahduma skond l-arti u s-sengha u bla difetti, huwa baqa' inadempjenti;

Illi l-esponenti sofra danni b'rizultat tal-inadempjenza tal-attur nomine stante li fost ohrajn, huwa kellu jinkariga mastrudaxxa iehor biex jahdimlu l-istess ghamara ghal liema inkarigu huwa ser ikollu jhallas aktar mill-prezz miftiehem mal-attur nomine;

L-attur nomine talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) tiddikjara li x-xoghol ta' ghamara mahdum mill-attur nomine u kkonsenjat lill-konvenut huwa difettuz, mhuwiex mahdum skond is-sengha u l-arti u mhuwiex tal-kwalita' pattwita kif konvenut bejn il-partijiet;

(ii) tiddikjara bhala xolt il-kuntratt ta' appalt maghmul bejn il-partijiet rigwardanti x-xoghol ta' ghamara senjatament il-kamra tas-sodda u l-inlaid bureau u dan ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti;

(iii) tordna lill-attur nomine sabiex jirrifondi lill-konvenut id-depozitu ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) li l-konvenut hallsu ghar-rigward tal-istess xoghol;

(iv) tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut b'rizultat tal-inadempjenza tal-attur nomine u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti ghal dan l-iskop;

(v) tordna lill-attur nomine sabiex ihallas lill-konvenut dawk id-danni hekk likwidati;

(vi) tordna lill-attur nomine sabiex fi zmien qasir u perentorju hekk stabbilit mill-istess Onorabbli Qorti huwa jirtira ghas-spejjez tieghu minghand il-konvenut l-ghamara minnu mahduma u kkonsenjata u;

(vii) fin-nuqqas tawtorizza lill-konvenut sabiex jiddepozita l-istess ghamara f'post ta' depozitu ghas-spejjes tal-istess attur nomine;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tal-21 ta' Mejju, 1993, tal-1 ta' ottubru, 1993, tal-4 ta' Novembru, 1993 u tad-29 ta' Novembru 1993 u bl-imghaxijiet legali fuq id-depozitu mid-data li fiha sar sad-data tal-hlas eventwali u bl-imghaxijiet legali fuq kwalsiasi somma li tigi likwidata bhala danni mid-data tal-prezentata ta' din il-kontro-talba sad-data tal-hlas eventwali.

Fin-nota ta' Eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat huwa eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba ghandhom jigu michuda ghax mhumiex legalment sostenibbli billi l-imsemmija huma preskritti stante li ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta dawn ghandhom jigu sollevati fi zmien xahar mill-konoxxenza u li dawn baqqghu ma gewx sollevati;

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni t-talbiet l-ohra ghandhom jigu michuda billi l-imsemmi accetta l-ghamara u kien wara li gie interpellat ghal hlas ii huwa qajjem dawn l-ilmenti kollha.

Illi b'digriet tat-30 ta' Gunju, 1994, dina l-Qorti nnominat lil Perit Tekniku Leo Vassallo Cesareo, li sussegwentement gie sostitwit bil-Perit Tekniku Anthony Galea b'digriet tal-5 ta' Dicembru, 1994.

Il-Perit Tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu u ghamel is-segwenti konkluzzjonijiet:-

i) rigward l-ewwel eccezzjoni li tal-konvenut li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, il-Perit jikkonkludi li din l-istess eccezzjoni m'ghandhiex bazi.

Il-bureau mhux tal-gewz mastizz, izda partijiet minnu huma miksijin bil-fuljetta tal-gewz u partijiet bhal ma huma l-bazi tas-saqajn u l-gwarnici tal-bibien huma gewz mastizz.

Rigward grief fil-bureau jirrizulta li kien hemm difetti zghar li setghu gew irrangati. Fir-nigwand ta' girfa fil-wicc tal-bureau

taht il-parti ta' gewwa, x-xhieda tal-attur hija aktar kredibbli u din il-girfa saret meta l-konvenut hareg din il-parti minn postha u dan ghabiex il-bureau ma kienx ser jintbaghat bil-girfa fil-wice minghajr tal-inqas jippruvaw jirtokjawha. Il-verzjoni tal-konvenut ma treggix ghaliex din il-parti hi fissa u ma kienx hemm ghalfejn tinhareg ghal ebda mod jekk mhux wiehed biex forsi jara kif kien mahdum ix-xoghol u zgur ma kienux ser johorguha b'impjegati tal-attur, kif qed ighid il-konvenut ghaliex zgur jafu kif kien maghmul ix-xoghol.

Rigward il-kamra tas-sodda, il-Perit jissottometti illi l-bibien huma tal-fibreboard tal-kewkba, izda d-divisorji u l-gnub huma tac-chipboard tat-kewkba. L-ucuh tat-twaletta, gradenza u komodina huma tal-kewkba mastizz pogguti fuq wicc minn taht tac-chipboard. Dan ma jmurx kontra s-sengha. S'intendi jekk il-konvenut kien imwieghed ii jkollu kollox tal-fibreboard allura x-xoghol ghandu jkun kif gie ordnat.

Rigward il-kxaxen tal-kamra tas-sodda dan mhux difett kbir ghaliex trid taqla' il-kxaxen biex tara' il-ftit tqalliegh. It-tqalliegh jirrizulta meta jkun icanat l-injam u jkollu vina kontra l-ohra u ghalhekk ic-cana tikkaguna tqalliegh fl-injam. Dan biex jitnehha jrid jigi rfinat permezz ta' xkatlar li f'dan il-kaz ma

sarx bizzejjed forsi ghaliex ma hux fejn jidher.

Jirrizulta wkoll li 'l gewwa tal-gwardarobba mhix tal-istess kulur, ghalkemm fuq gewwa, l-injam xorta ghandu jinghata l-istess kulur.

Dwar id-dahrien tal-gwardarobba, li fuqu lmenta l-konvenut huma msammrin u mhux invitati u din il-haga ma tmurx kontra s-sengha. Id-dahar tat-twaletta ghandu daqs pied xpakkat u dan jista' jigi mibdul facilment.

Il-hgieg hu vert maqtugh qasir hafna u mhux accettabbbi skond is-sengha u l-arti.

Il-Perit Tekniku jirrileva li ghalkemm fuq l-ordni, il-konvenut ried kamra tas-sodda tal-kewkba u dan seta' jfisser jew tac-chipboard jew tal-fibreboard tal-kewkba, il-lamenteli tal-konvenut dwar il-kamra tas-sodda kien li ma kellux jintuza chipboard flok fibreboard.

Ghalkemm is-sett ta' sodda hu mahdum skond is-sengha u arti, s-socjeta' attrici naqset milli tahdem chipboard meta Mallia ried fibreboard.

Inoltre, l-istess Perit ighid li x-xhieda tal-konvenut mhix kredibbli ghaliex f'hin ighid lill-impjegati tal-attur li mhux qed jaccetta x-xoghol u fl-istess hin jitlob l-impjegati sabiex jissetjaw bibien ta' ghamara mahduma minn haddiehor u l-istess impjegati jaghmlu dan meta l-klijent mhux kuntent bix-xoghol.

Ix-xhieda li ngabet hija kontradittorja kemm il-darba jirrigwarda l-materjal li kellu jintuza, kif ukoll fuq ix-xoghol.

Fil-kaz tal-bureau, l-konvenut ighid li kien ordnah tal-gewz mastizz, partijiet bhal gwarnici tal-vetrini u l-bazi tas-saqajn huma maghmula mill-gewz mastizz, filwaqt partijiet ohra huma maghmula minn chipboard tal-gewz.  Mill-prezz indikat ghal dan il-bureau jirrileva l-Perot li dan ma kellux ikun tal-gewz mastizz ghaliex kieku kien iqum ferm aktar minn Lm590. Hu mistenni, jkompli jirrileva l-Perit li meta ssir ordni fiz-zmienijiet ta' llum li x-xoghol tal-injam irid ikun xoghol mastizz, allura ghandu jinkiteb li ghandu jkun xoghol mastizz.

Fl-ordni li giet esebita Numru 558, inkiteb biss "inlaid bureau" u taht "shelves in blockboard" u ma giex miktub ta' xiex kellu jkun l-injam.  Ghalhekk, jikkonkludi l-Perit Tekniku li bilfons li l-

konvenut kien rah xi bureau ghand l-attur u ordna l-istess. Fil-fatt, l-atturi jikkonferma li l-bureau li kkonsenja lill-konvenut huwa l-istess bhalma jaghmlu ghal kull klijent li jaghmel din l-ordni.

Apparti minn hekk, il-Perit jinnota li l-konvenut stess jikkontradixxi lilu nnifsu fejn minn naha ighid li l-bureau kellu jkun tal-gewz mastizz u minn naha l-ohra fl-ittra li baghat lill-attur jispjega li ried "inlaid bureau materjal tal-gewz isprenjat fuq gewwa u barra, kxaxen kollha tal-kewkba mastizz u zewg xkafef tal-blockboard u dawn il-partijiet hekk saru.

Il-Perit jirrileva illi fejn hass li kellu jigbed l-attenzjoni, il-konvenut gibidha, bhal ma ghamel fil-kaz tal-ixkaffef, izda minn naha l-ohra fir-rigward tal-bureau ma specifikax li riedu kollu tal-gewz mastizz, haga li ghamel fid-dettal fil-konfront tal-kamra tas-sodda.

Oltre dan jkompli jirrileva l-istess Perit li xoghol ta' interzjar qatt ma jsir fil-mastizz, izda dejjem bil-fuljetta anki fl-ghamara antika. Meta ntbaghtet l-ittra mill-konvenut fir-rigward tal-bureau ma semma' xejn li x-xoghol ma kienx sar tal-gewz mastizz, izda jissemma biss li kellu xi difetti. Ghalhekk ghal

dan il-punti msemmija, il-Perit ihoss li mhix gustifikata t-talba tal-konvenut li l-bureau kellu jkun tal-gewz mastizz, filwaqt li l-ghamara tas-sodda hi mahduma skond is-sengha u l-arti, izda b'parti mill-materjal uzat mhux kif kien talab il-konvenut.

Illi l-konvenut ipprezenta nota ta' kritika fejn issottometta s-segwenti:

5.1. Illi hu kien ghamel zewg ordnijiet wahda fit-12 ta' Ottubnu, 1992 fejn giet ordnata l-inlaid bureau u l-ohra fis-26 ta' Ottubru, 1992 fejn giet ordnata l-kamra tas-sodda.

Meta saret il-konferma ghal ordni tax-xoghol, il-konvenut kien emfasizza li l-inlaid bureau kellha tkun tal-gewz mastizz, filwaqt li l-kamra tas-sodda kellha tkun manifatturata minn "fibre board" kif ukoll il-kxaxen kellhom ikunu sprejjati minn gewwa u minn barra.

Fl-istess ittra nghad li ***"l-ghamara ghandha tinhadem raffinuta fuq gewwa u barra u ma jkunx fiha tqalliegh ta' injam jew skaldi u ebda chipboard jew injam tal-abjad m'ghandu jintuza hlief materjal tal-fibre board u kewkba mastizz."***

Il-konvenut jkompli jissottometti illi meta hu mar jaghmel ordni ohra fil-11 ta' Dicembru, 1992, kien emfasizza l-importanza tal-materjal li kellu jintuza u li ma kellux jintuza ebda chipboard fil-manifattura ta' din l-ghamara.

Il-konvenut jispjega kif l-attur qatt ma rrisponda ghal dawn iz-zewg ittri u qal li kien mbaghad ftehem mal-konvenut sabiex ma jibqghax jinsisti fuq il-materjal li kellu jintuza mis-socjeta' attrici.

Illi malli saret il-konsenja fis-26 ta' Frar, 1993, kemm il-konvenut kif ukoll martu kienu gibdu l-attenzjoni tal-attur li x-xoghol ma kienx sar sew u kellha xi difetti u li l-istess ghamara ma kienitx inhadmet mill-materjal minnhom ordnat.

Inoltre, il-Perit Tekniku kkonferma dan meta qal li l-konvenut kien ried l-kamra tas-sodda maghmula minn fibreboard, meta l-attur kien ghamel parti minnha minn chipboard.

Il-konvenut jispjega illi hu kien mill-bidunett wera li ma kienx kuntent u sodisfatt li x-xoghol li kien ghamel l-attur u qatt ma kien iffirma xi dokument li kien ghaddielu l-attur li kien ircieva x-xoghol ghas-soddisfazzjoni tieghu.

Dan jista' jigi kkonfermat mill-ittri li hu stess baghat lill-attur fit-2 ta' Marzu, 1993 u l-25 ta' Marzu, 1993.

Il-konvenut jaghmel referenza ghal gurisprudenza nostrana f'dan ir-rigward:-

***"Ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizji cari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizju u fatli jhallu dubbju dwar il-volonta' tal-persuna dan ghandu jittiehed kontra l-esistenza tar-rinunzja (App.Civ. P.Abela vs P.Azzopardi Vol. XXX VI.i.343, La Rosa de Cristoforo vs Russell noe. App. Civ. 24/02.1939 u Chretien noe. vs Baldacchino*** - ***App. Civ. 23.1 0.1933*** - ***Joseph Miceli vs Joseph Zammit*** - ***3.06.1988*** - ***Qorti tal-Appell).***

5.2. Il-konvenut jinnota wkoll li l-Perit Tekniku ma hax in konsiderazzjoni diversi difetti u fost dawn insibu s-segwenti:-

i) kxaxen imqallajn - il-Perit hass li dan id-difett ma kienx ta' daqshekk importanza stante li huwa difett f'postijiet fejn ma

jidhrux. Dan l-argument ma jreggix stante li x-xoghol f’kull partti tieghlu ghlandu jkun skond is-sengha u l-arti;

ii) il-hgieg tal-ucuh gew maqtughin b’qisien zghir;

iii) hemm pantijiet tal-ghamana fejn il-kulur tal-ispray ivarja;

iv) dahar ta’ twaletta xpakkat;

v) kxaxen fuq il-parti ta’ wara mhumiex irfinuti u llustrati;

vi) id-dahar tal-gwardarobba (tul ta’ ghaxar piedi) gie mwahhal bl-imsiemen u dan ifisser li l-attur ma kienx serju f’xogholu ghaliex kull darba li l-konvenut jixtieq idawwar l-ghamara ser ikollu jaghmel il-hsara;

viii) barxa fuq il-gwardarobba;

ix) fl-inlaid bureau kien hemm musmar li qieghed jispunta ‘l barra u qed jikkaguna brix;

Dawn d-difetti kollha jindikaw li x-xoghol maghmul mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti.

**5.3.** Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' attrici b'referenza ghal kontro-talba tal-konvenut, kif gie sottolinejat fil-kawza "Lorenza Buttigieg vs Henry Hirst noe App. 16.02.1945 -)

***"Jekk l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim m'hemmx vizzju redibitorju, imma jkun il-kaz la' inadempjenza lal-kuntratt li m'ghandha x'taqsam xejn mal-garanzija redhibitorja."***

Billi ghamel referenza ghal din il-kawza, il-konvenut jirrileva illi b'din is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell riedet tistqarr li tali azzjoni hija possibbli u ammissibbli anke ghalkemm li jkun hemm ir-ricezzjoni, sakemm min ikun ircieva l-oggett ma jkunx biddlu mill-istat ii kien, jew ikun li kwalunkwe mod iddispona mill-istess, cirkostanzi li fil-kaz odjern ma jirrikontrawx ruhhom (Dr. John Cassar noe vs Chandru Mohnani et noe – 15/06/95).

Fin-Nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici l-attur jispjega li l-kawza hija wahda ta' natura teknika li kien jirrikjedi n-nomina ta' Perit.  Apparti minn dan, il-Perit wasal ghal konkluzzjonijiet djammetrikament opposti ghal dak li qed jissottometti l-konvenut.  Fil-fatt, il-Perit irnexxielu jwaqqa' kull

argument li qajjem l-konvenut u cioe' li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u li ma intuzax il-materjal rikjest.

L-attur jispjega kif il-konvenut jikontradixxi lilu nnifsu - l-ewwel ighid li jifhem fl-injam u ighid li ried fibreboard u mhux chipboard, meta l-Perit jispjega illi huwa fatt maghruf li c-chipboard huwa materjal aqwa mill-fibreboard. Imbaghad ghal mument accetta l-konsenja minghajr riserva u mbaghad wara qal li ma kienx kuntent.

Dawn huma kollha skuzi sabiex il-konvenut ma jhallasx ghax-xoghol li kien ordna.

Dwar il-gradenza (bureau) huwa ovvju ghal darb'ohra li l-konvenut kien qed jipprova jsib kull skuza sabiex ma jhallasx ghal dan ix-xoghol. Jirrizulta li l-konvenut kien diga' rah diversi gradenzi u jekk kien daqshekk attent ghad-dettal jifhem daqshekk fl-injam, l-attur jirrileva li l-konvenut missu induna mill-prezz li ma kienx prezz ta' gradenza maghmula mill-gewz mastizz.

Ghalhekk, fl-ahhar mill-ahhar, l-attur jhoss li l-konvenut ma agixxix in buona fede u ghalhekk ma jistax jitkellem fuq

inadempjenzi, accettazzjonijiet u rinunzji taciti. Il-fatt li l-konvenut kien qed jinsisti li mhux qed jaccetta l-ghamara u b'danakollu baqa' ma depozitahx il-Qorti u zammu ghandu huwa accettazzjoni tax-xoghol.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi w ir-rapport peritali u fl-ewwel lok tiddikjara illi, mil-lat legali, taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenut li huma konfrontati bil-gurisprudenza minnu kkwotata fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba ta' l-istess konvenut u cioe' li l-azzjoni mhijiex preskrivibbli (izzid il-Qorti aktar korrettement l-eccezzjoni kellha tkun ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni) a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili peress illi din l-azzjoni mhijiex wahda bbazata fuq difetti latenti sussegwenti ghall-garanzija kontra l-istess difetti li huwa obbligat jaghti l-venditur, izda, se mai, jekk l-obbligu li gie kkuntrattat f'dan il-kaz kien wiehed ta' kompravendita' u mhux ta' appalt, kellu japplika ghal dan il-kaz il-preskrizzjoni msemmi fl-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili li hija preskrizzjoni ta' sentejn.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja illi l-Perit Tekniku fir-rapport tieghu mar oltre minn ezami semplicement tekniku izda, fid-diversi okkazzjonijiet, ghamel ukoll evalutazzjoni tal-provi din il-Qorti thoss illi l-konkluzzjonijiet tieghu huma principalment, jekk mhux unikament, ibbazati fuq kostatazzjonijiet ta' natura purament teknika li huwa ghamel u allura ghal dan il-kaz ghandu japplika l-principju ta' spiss enuncjat mill-Qrati taghna illi l-Qorti ma ghandhiex, hlief fejn tiskontra ragunijiet serji, tvarja u tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku.

"*Il-Qorti trid tghid mill-ewwel illi sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta' tekniku, dan ma taghmlux.*" (Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri - "Bonett vs Lewis" - 1/3/94).

Ezami, invece, tar-rapport tekniku jindika illi, fil-gran parti, ix-xogholijiet li saru mis-socjeta' attrici saru skond is-sengha u l-arti u kif miftiehem bejn il-partijiet. Hemm pero' l-eccezzjonijiet fejn dan ma sarx bhal hgieg li huwa maqtugh hazin u mhux accettabbli skond is-sengha u l-arti u s-sett tas-

sodda fejn deher car illi l-konvenut eskluda li seta' jintuza c-*chipboard* meta huwa ried *fibre board*, fejn, skond il-Perit Tekniku, s-socjeta' attrici "*naqset rigward li hadmet parti chipboard*".

Il-Perit Tekniku naqas fir-rapport tieghu milli jindika x'valur kellu jinghata lil dawn in-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici fejn jew ix-xoghol ma sarx totalment skond is-sengha u l-arti jew ma sarx kif ordnat u miftiehem.  Il-Qorti sejra tillikwida ghalhekk dawn in-nuqqasijiet, *arbitrio boni viri*, fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) fuq valur komplessiv ta' elf tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm1850) peress illi, skond l-istess rapport tekniku, il-maggior parti tax-xogholijiet effettivament saru kif ordnat u skond is-sengha u l-arti.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti parzjalment biss tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad il-kontro-talbiet tieghu hlief, kif fuq inghad, in parti ghall-ewwel kontro-talba. Tilqa, invece, ukoll kif inghad, it-talba attrici limitatament pero' ghas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1000) dovut ghall-bejgh u konsenja ta' l-ghamara msemmija fl-att tac-citazzjoni.

L-imghax legali jiddekorri millum fil-waqt illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati, skond il-meritu, kwart (1/4) mis-socjeta' attrici u tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.